



Brussell, 21 ta' Jannar 2019
(OR. en)

5110/19

COLAC 5
CFSP/PESC 10

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 5109/19 COLAC 4 CFSP/PESC 9	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Nikaragwa - Konklużjonijiet tal-Kunsill (21 ta' Jannar 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Nikaragwa, kif adottati mill-Kunsill Affarjiet Barranin fil-laqgħa tiegħu tal-21 ta' Jannar 2019.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IN-NIKARAGWA**Kunsill Affarijiet Barranin, 21 ta' Jannar 2019**

1. L-Unjoni Ewropea (UE) tfakkar fid-diversi dikjarazzjonijiet tal-UE dwar in-Nikaragwa u d-dikjarazzjonijiet mir-RGħ/VP sa minn April 2018 meta d-dimostrazzjonijiet ġew imrażżna b'mod brutali mill-forzi tas-sigurtà u gruppi armati favur il-gvern li wasslu għal konfronti, diversi mijiet ta' persuni mejta u midruba u l-arrest ta' mijiet ta' ċittadini, b'għadd kbir ta' irregolaritajiet u arbitrarjetà fi proċeduri ta' detenzjoni u ġudizzjarji.
2. Miżuri reċenti li kellhom fil-mira l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-mezzi tax-xandir indipendenti jikkostitwixxu daqqa ta' ħarta oħra għad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet ċiviċi li tiggrava l-kriżi politika u soċjali.
3. L-UE tikkundanna bil-qawwa r-ripresjoni tal-istampa u s-soċjetà ċivili u l-użu ta' liġijiet kontra t-terroriżmu biex irażżnu l-opinjoni kuntrarji fin-Nikaragwa. Il-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni legali ta' diversi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-attakki illegali kontra mezzi tax-xandir indipendenti, flimkien ma' miżuri preċedenti li jikkriminalizzaw il-protesta, joħolqu ambjent fejn drittijiet fundamentali u kostituzzjonalment rikonoxxuti bħad-dritt għal-libertà ta' espressjoni u tal-għaqda, il-libertà ta' moviment, Habeas Corpus, u d-dritt għal proċess ġust mhux qed jiġu żgurati.
4. Bl-istess mod kif l-UE appoġġat l-isforzi reġjonali biex tiġi żgurata responsabbiltà għar-reati kollha mwettqa minn April 2018, irrispettivament mill-awturi, l-UE tiddeplora is-sospensjoni ta' Mekkaniżmu Speċjali ta' Monitoraġġ (MESENI) u t-terminazzjoni tal-mandat tal-Grupp Interdixxiplinari ta' Esperti Indipendenti (GEIE) tal-Kummissjoni Inter-Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (IACHR). L-UE tappella lill-gvern tan-Nikaragwa biex jikkoopera b'mod kostruttiv mal-IACHR, il-korpi tagħha u l-grupp ta' ħidma tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani (OAS), jiggarantixxi kondizzjonijiet għall-operazzjonijiet xierqa tagħhom, u biex jippermetti r-ritorn tal-Uffiċċju tal-Kummissarju tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR). Ma jistax ikun hemm rikonċiljazzjoni mingħajr djalogu nazzjonali trasparenti, inklużiv u kostruttiv fost il-partijiet involuti kollha u ġustizzja għall-vittmi kollha.

5. L-UE temmen li djalogu ġenwin u negozjati li jinkludu l-adozzjoni ta' riformi elettorali biex ikunu żgurati elezzjonijiet kredibbli li jwieġbu għall-istandards demokratiċi internazzjonali huwa l-uniku mod biex tiġi indirizzata l-kriżi attwali u biex jingħata rispons għall-ħtiġijiet urġenti u l-aspirazzjonijiet tal-poplu tan-Nikaragwa. L-UE jiddispjaċiha li r-riformi elettorali promossi mill-OAS, ġew ipparalizzati. Għalhekk tħeġġeġ lill-gvern tan-Nikaragwa biex jerġa' jimpenja ruħu fi proċess ta' djalogu ġenwin u orjentat lejn ir-riżultati u tinsab lesta li tappoġġa medjazzjoni aċċettabbli għall-partijiet ikkonċernati kollha u r-riformi elettorali.
6. L-UE tappella wkoll lill-awtoritajiet biex iwaqqfu r-repressjoni tad-dimostrazzjoni pubblika, il-mezzi tax-xandir indipendenti u l-ġurnalisti u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; tiggarantixxi s-sigurtà fiżika tal-membri tagħhom u terġa' tistabbilixxi l-istatus legali tagħhom; tirrilaxxa lil dawk kollha li ġew arrestati b'mod illegali u tiżgura l-proċess dovut u trattament ġust fl-istadji kollha.
7. L-UE ser tkompli tissorvelja s-sitwazzjoni mill-qrib u tenfasizza r-rieda tagħha li tuża l-istrumenti ta' politika kollha tagħha biex tikkontribwixxi għal soluzzjoni paċifika negozjata għall-kriżi attwali u tirreaġixxi għal deterjorament ulterjuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.